

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 29 GESU' JIKKALMA L-BAHAR IMQALLEB

Matt. 8:23-34; Mark 4:35 to 5:20; Luqa 8:22-40



L-ilmijiet tal-Bahar tal-Galilea kienu mqallba  sew u d-dghajsa ta' l-appostli li fuqha kien hemm Gesu' bdiet titbandal 'l hawn u 'l hemm fuq il-mewg. Kieku l-appostli ppruvaw jaqdfu 'l gewwa lejn ix-xatt izda il-qawwa tal-mewg kien jerga' johodhom lura.

Tassew bezghu dawn is-sajjieda.  Gesu' kien rieqed fuq id-dghajsa ghax hassu ghajjien mill-hidma tal-jum. Ma felhux aktar isofru l-biza' u caqilqu lil Gesu' u qalulu: "Mghallem dan ma hu xejn ghalik li ser nintilfu?"

Gesu' qam mir-raqda u ta harsa lejn dawk l-ucuh imbezza'. Qalilhom: "Ghaliex qeghdin tibzghu? Ghaliex ghandkom nuqaas ta' fidi?" Imbaghad ikkmanda ir-rih biex jieqa u dan waqaf. U l-bahar ikkalma.

Staghagbu l-appostli li l-bahar u r-rih jobdu ghall-kmand ta' l-Imghallem taghhom.

Kif wasal ix-xatt l-iehor u nizlu fuq l-art tal-Gerasin, resaq fuqhom wiehed ragel li fih kellu ix-xitan. Dan ma kienx joqghod id-dar, izda qalb l-oqbra. Hekk kif lemah lil Gesu nxthet quddiemu u qallu: "Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù, Bin Alla l-Għoli? Nitolbok, taħqarnix » Għax Ġesù kien ġa kkmanda lill-ispirtu mniġġes biex joħroġ minn dak il-bniedem. Għax bosta drabi kien jaħkmu, u n-nies kienu jorbtuh bil-ktajjen biex iżommuh, iżda hu kien iqaċċat l-irbit. Ġesù staqsieh: "X'jismek?"

"Leġjun," qallu, għax ħafna xjaten kienu daħlu fih.  Beda jitolbu biex ma jordnalhomx imorru fl-abbissi.



Mela kien hemm merħla kbira ta' ħnieżer jirgħu fuq l-għolja, u l-ispirti talbuh biex iħallihom jidħlu fihom; u hu ħalliehom. U x-xjaten ħarġu minn dak il-bniedem u daħlu fil-ħnieżer. U l-merħla nxteħtet għal ġo l-għadira mill-għoli tax-xaqliba u għerqet. Ir-rgħajja, meta raw x'ġara, ħarbu u marru jxerrdu l-aħbar mal-belt u l-irziezet. In-nies ħarġu jaraw x'ġara u marru ħdejn Ġesù, u lil dak ir-raġel li minnu kienu ħarġu x-xjaten sabuh bilqiegħda f'riġlejn Ġesù, liebes u moħħu f'sikktu; u qabadhom il-biża'. In-nies li raw x'ġara qalulhom kif Ġesù fejjaq lil dak li kien maħkum mix-xitan. Mbagħad in-nies kollha ta' l-inħawi ta' Gerasa bdew jitolbu lil Ġesù biex iwarrab minn ħdejhom, għax biża' kbir kien waqa' fuqhom. U hu tela' fuq id-dgħajsa u reġa' lura.] Ir-raġel li minnu kienu ħarġu x-xjaten talbu biex jibqa' miegħu, iżda hu bagħtu u qallu: "Erġa' lura lejn id-dar u għarraf kull ma għamel Alla miegħek." Dak telaq u xandar mal-belt kollha kull ma kien għamel miegħu Ġesù.

## RIFLESSJONI

Nitghallmu li quddiem il-problemi tal-hajja ndahhlu lil Kristu fin-nofs. Aktar minnu, hadd ma jaf issabbarna u jghinna, minkejja li b'mod zbaljat nhasbu li Hu jinsab 'l boghod minnha. Hu jkun hdejna jarana nissieltu u jghinna meta ahna naghtuh idejna biex ma ngherqux.

Minkejja li Gesu' kellu qalbu hanina man-nies ta' zmienu, il-poplu tal-Gerasin ghax haseb li ser iggarrab hsarat materjali ohra. Allura keccewh minn arthom. Ma hasbux li seta' fejqilhom il-

familjari morda taghhom.  Quddiemhom raw biss il-gid materjali – il-flus. Kienu kuntenti b’dawk u mhux b‘dak li seta’ jaghtihom Kristu. Dak li jaghtina Kristu nghozzuh, dak li mhux ta’ Kristu jew ibghedna minnu naharbuh.